**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 18 ta' Jannar, 2017**

**Citazzjoni Nru: 360/2016 AF**

**Angelo Frank Paul Spiteri**

**vs**

**Il-Prim Ministru,**

**Il-Ministru tal-Gustizzja,**

**L-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

B'rizultat tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Appell tas-17 ta' Frar 2016 fl-ismijiet il-Pulizija (Spettur Mario Cuschieri) vs Angelo Frank Paul Spiteri, il-Qorti cahdet li taghmel referenza preliminari skont l-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) billi qallet li "*having consequently established that appellant had other remedies*

*available to him under the Extradition Act, consequently it is not mandatory for this Court to refer the issue raised by the appellant for a preliminary ruling to the European Court of Justice*".

It-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE jipprovdi li "*Meta l-kwistjoni titqajjem f'kaz pendenti quddiem xi qorti jew tribunal ta' Stat Membru li kontra d-decizjonijiet tieghu ma jkun hemm ebda rimediu gudizziarju taht il-ligi nazzjonali, dik il-Qorti jew dak it-tribunal, ghandhom jirreferu l-kwistjoni lill-Qorti*".

Kif ser jigi ampjament spegat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 2016 hi manifestament zbaljata ghar-ragunijiet li gejjin:

1. Artikolu 267 TFUE jaghmel distinzjoni bejn qrati u tribunali li ghandhom diskrezzjoni li jirreferu lill-Qorti tal-Gustizzla tal-Unjoni Ewropea (QGUE, bl-Ingliz CJEU) u qrati u tribunali li kontra d-decizjoni taghhom ma jkun hemm ebda rimedju gudizzjarju. L-iskop ta' dan id-dover huwa li t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu msemmi jevita milli jkun hemm gabra ta' gurisprudenza lokali dwar id-dritt Ewropew li ma jkunx konformi ma' dak li qed jigi deciz f'pajjizi ohra tal-Unjoni Ewropea.

2. Illi l-QGUE, fil-gurisprudenza taghha matul is-snin, ikkonfermat illi l-applikabilità tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE ghandu jigi deciz a bazi ta' teorija konkreta u jigifieri jekk id-decizjoni tistax tkun soggetta ghall-appell fil-kaz in kwstjoni.

3. Illi f'dan il-kaz ir-rimedju ta' rikors kostituzzjonali fil-qorti kostituzzjonali mhuwiex appell ulterjuri mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Dan ghaliex ir-rikors kostituzzjonali ma jirrigwardax il-mistoqsijiet u l-punti ta' interpretazzjoni kollha li jkunu tqajmu fl-ewwel kawza izda ntiz biex janalizza mistoqsijiet ta' natura kostituzzjonali. Rikors kostituzzjonali huwa kaz gdid u mhux kaz ta' appell lill-qorti oghla. Huwa kaz gdid fejn il-punti ta' interpretazzjoni dwar il-ligi tal-UE mhux bilfors ikunu trattati fil-kaz il-gdid ghaliex il-gurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali hi differenti

minn dik tal-Appell Kriminali. Ghalhekk, hija l-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala l-oghla Qorti tal-kaz fejn quddiema jitqajmu punti tad-dritt Ewropew li hi ghandha d-dmir u l-obbligu li taghmel riferenza preliminarja lill-QGUE.

Peress li din ir-riferenza preliminarja ma sehhetx meta l-Qorti kellha l-obbligu legali li taghmilha, ir-rikorrent issostni illi l-ligi Ewropea giet applikata hazin u ghaldaqstant ir-rikorrent sofra danni. Mhux talli hekk biss, talli l-istess Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea kemm-il darba iddikjarat li *"manifest infringement of the case-law of the ECJ is an infringement of Community Law"* u f'dan il-kaz hemm pataflun sentenzi tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea li jaghmluha cara li l-Qorti tal-Appell Kriminali ta' Malta kellha obbligu legali li titlob ir-referenza preliminari lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea (QGUE). Il-gurisprudenza tal-QGUE turi li l-QGUE iddecidiet kontra dak l-iStat Membru meta Qorti jew tribunal fi hdanu (nazzjonali) ma jkunx ghamel ir-referenza preliminari li kien obbligat jaghmel skond l-art. 267 tat-TFUE, u konsegwentement ikkundannat dak l-iStat ghad-danni.

F'dan il-kaz l-obbligu tal-iStat meta Qorti b'mod zbaljat ma taghmilx riferenza meta kellha l-obbligu li taghmilha hu bhal kwalunkwe nuqqas iehor li jirrizulta f'responsabbilità tal-istat. Naturalment i1-QGUE ghamlitha cara li hu l-obbligu tal-Istat Membru li jhallas kumpens u li dan ma jwassalx ghar-responsabbilità persunali tal-gudikanti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-Qorti tal-Appell Kriminali tat interpretazzjoni zbaljata tad-dritt Ewropew fis-sentenza msemmija taghha tas-17 ta' Frar 2016 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Angelo Frank Spiteri" meta hija ma ghamletx ir-referenza preliminari lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea skond l-obbligu li hija kellha taht l-Artiklu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2. Tiddikjara li din is-sentenza tas-17 ta' Frar 2016 fl-ismijiet "I-Pulizija vs Angelo Frank Spiteri" moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali u l-konsegwenti ksur tad-dritt Ewropew

ikkagunaw u ser jikkagunaw danni konsiderevoli lir-rikorrent.

3. Tillikwida d-danni li sofra r-rikorrent, u l-konsegwenti kumpens dovut, frott il-ksur tad-dritt Ewropew meta l-Qorti tal-Appell Kriminali ma ghamlitx ir-referenza preliminari li kellha l-obbligu legali li taghmel taht l-Artiklu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea, liema referenza kienet essenzjali biex il-ligi Ewropea tigi interpretata b'mod korrett u b'hekk ir-rikorrent ma kienx jibqa' priv, u ma jibqax priv, mill-liberta tieghu.

4. Tordna lill-intimati jhallsu d-danni u l-kumpens hekk likwidati.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew illi:

In linea preliminari, il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali mhumiex il-legittimi kontraditturi ai termini ta' l-Artikolu 1818 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligiiiet ta' Malta).

Preliminarjament ukoll, in-nullità tal-azzjoni attrici a tenur l-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-istess azzjoni ma gietx preceduta minn ittra ufficcjali jew protest gudizzjarju intavolat kontra l-intimati kif mehtieg *ad validatem*:

Preliminarjament ukoll, l-esponenti jecepixxi illi ma hemm l-ebda ness kawzali bejn ic-cahda ghar-riferenza llll-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja u l-esponenti.

Fil-mertu u minghajr pregtdizzju ghas-suespost, l-ebda responsabbilità ma hi imputabbli fil-konfront ta' l-esponenti relattiva ghac-cahda li ssir riferenza lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja mertu ta' dina l-kawza u ghalhekk it-talbiet attrici huma bla bazi guridika u fattwali.

Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti:

(a) Illi l-Artikolu 267 (3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU) ma jobbligax l-ghola Qorti domestika sabiex taghmel referenza lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea (QGUE) semplicement minhabba li parti fi proceduri tkun ghamlet tali talba izda tali referenza lill-QGUE issir biss jekk il-Qorti domestika tqis li referenza tkun mehtiega sabiex tkun tista' taghti d-decizjoni taghha fuq interpretazzioni ta' ligi tal-Unjoni Ewropeja. Il-Qrati domestici ghandhom il-kompetenza esklussiva sabiex jaghmlu tali decizjoni jekk jirriferux kwistjoni lill-QGUE. Illi certament li Qorti domestika mhijiex marbuta li taghmel riferenza lill-QGUE semplicement fuq talba ta' parti.

Kienet prerogattiva tal-Qorti tal-Appell Kriminali li tikkunsidra jekk riferenza lill-QGUE kienitx necessarja fic-cirkostanzi. Illi jsegwi ghalhekk li kemm talba ghad-dikjarazzjoni ta' interpretazzjoni zbaljata tad-dritt Ewropew da parti tal-Qorti tal-Appell Kriminali kif ukoll it-talba ghad-danni naxxenti min-nuqqas ta' referenza lill-QGUE minhabba allegata interpretazzjoni zbaljata jew talba ghall-hlas ta' kumpens ghall-allegat ksur tad-dritt Ewropew hija totalment infondata stante li r-rikorrenti ma ghandu l-ebda dritt li Qorti domestika taghmel riferenza lill-QGUE.

(b) Illi l-Artikolu 267 tat-TFEU jipprovdi li "*Il-Qorti tal-Gustizzja ta' l-Unjoni Ewropea ghandha jkollha l-kompetenza li taghti sentenzi preliminari dwar: (a) l-interpretazzjoni tat-Trattati; (b) il-validità u l-interpretazzjoni ta' l-atti ta' l-istituzzjonijiet, korpi jew organi ta' l-Unjoni*". Illi l-gurisprudenza kostanti tal-QGUE hija fis-sens li meta ssir riferenza tali riferenza ma tistax issir sabiex jigu determinati fatti.

Mir-rikors promotur jidher car li dak li r-rikorrenti ried li taghmel il-Qorti tal-Appell Kriminali kien essenzjalment li tirreferi kwistjoni ta' determinazzjoni ta' fatt lill-QGUE. In fatti r-referenza mitluba mir-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u kif sintesizzata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell

Kriminali permezz tas-sentenza taghha tas-17 ta' Frar 2016 kienet fis-sens illi "Appellant furthermore requests that in the circumstance wherein this Court is presented with doubts, as is the case, as to whether appellant will face a serious breach of his rights, that the Court refers the matter to the European Court of Justice for a preliminary ruling as to whether the application of our law is in line with the Framework Decision and article 6 of the Treaty of the European Union recognising the rights, freedoms and principle as set out in the Charter of Fundamental Human Rights of the European Union of the 7 December 2000 as adapted at Strasbourg on the 12 December 2007, and this with particular reference to article 4 of the said Charter relating to inhuman and degrading treatment and the right not to be subjected thereto". ili certament li l-ewwel parti tat-talba li fuqha kienet imsejsa t-talba ghar-riferenza u cioè jekk ir-ritorn tar-rikorrenti lejn il-Litwanja kienx ser jissarraf fi vjolazzjoni tad-drittijiet tieghu hija kwistjoni ta' determinazzjoruta' fatt u mhux ta' ligi.  Illi t-tieni parti tat-talba ghalkemm tirreferi ghal-legislazzjoni tal-Unjoni Ewropeja madankollu l-istess Decizjoni Kwadru ma timponix kif Stat Membru ghandu jirrizolvi disputa meta persuna tallega li ser tiffacja ksur serju tad-drittijiet taghha bir-ritorn lejn pajjiz iehor tal-Unjoni Ewropeja.

L-istess Decizjoni Kwadru tahseb ghas-salvagwardji tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u dan kif jirrizulta mill-Artikolu I (3) tad-Decizjoni Kwadru.  Illi tali kwistjonijiet ta' fatl ma ghandhomx jigu riferuti lill-QGUE u jsegwi ghalhekk li l-Qorti tal-Appell Kriminali kellha tirrifiuta, kif effettivament ghamlet, illi tirreferi l-kwistjoni lill-QGUE.

(c) Illi r-referenza fl-ismijiet Aranyosi and Caldararu (Joined cases C-404/15 and C-659/15) bl-ebda mod ma jikkontradixxu dak ecceppit.  Id-decizjoni tal-QGUE imkien ma tghid li l-Qrati domestici huma obbligati li jaghmlu referenza lill-QGUE izda dak li tosserva huwa li l-awtoritajiet gudizzjarji nazzjonali huma obbligati li jaghmlu analizi tar-riskju.  In fatti, kien wara li l-Qorti ta' Bremen fil-Germanja kkunsidrat li kien hemm "*strong indications that detention conditions in the issuing Member State infringe the fundamental rights of the person concerned*

*and the fundamental legal principles as enshrined in Article 6 TEU"* li wassluha sabiex taghmel ir-riferenza lill-QGUE.

Fil-kaz tar-rikorrenti, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma sabitx li l-evidenza prodotta mir-rikorrenti kienet *"objective, reliable, specific and properly updated"* b'mod li tiggustifika konstatazzioni ta' riskju serju ta' trattament inuman jew degradanti izda ghal kuntrarju l-Qorti tal-Appell Kriminali sabet li ma kienx hernm provibizzqjed li jsostnu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti.

Aktar minn hekk, il-Qrati domestici talbu assigurazzjonijiet mill-awtoritajiet tal-Litwanja u dan in linea ma dak li gie stabbilit fid-decizjoni ta' Aranyosi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għad-danni konsegwenza tal-allegat applikazzjoni ħażina tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea mill-Qorti tal-Appell Kriminali. L-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti ssib illi l-Qorti tal-Appell Kriminali tat interpretazzjoni żbaljata tad-Dritt Ewropew fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Frar 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Angelo Frank Spiteri meta ma talbitx referenza preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Konsegwentement, l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti ssib illi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali kkaġunat jew ser tikkaġunalu danni u għaldaqstant, tillikwida dawn id-danni li l-attur jgħid illi għandhom jiħallsu mill-konvenuti.

Din is-sentenza hija limitata għat-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti fis-sens illi l-azzjoni attriċi hija nulla a tenur tal-artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili stante li l-azzjoni ma ġietx preċeduta minn ittra uffiċjali jew protest

ġudizzjarju intavolat kontra l-konvenuti kif irid l-artikolu tal-liġi ċitat.

Id-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 jaqraw hekk:

> "*(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar.*
>
> *(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma japplikawx –*
>
> *(a) għal azzjonijiet għal rimedju taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni; jew*
>
> *(b) għal mandati ta' inibizzjoni; jew*
>
> *(ċ) għal azzjonijiet għall-korrezzjoni ta' atti tal-istat ċivili; jew*
>
> *(d) għal azzjonijiet li għandhom jinstemgħu bl-urġenza;*
>
> *(e) għal riferenzi ta' tilwimiet għall-arbitraġġ,*
>
> *u meta skont id-disposizzjonijiet ta' xi liġi għandha tiġi mħarsa proċedura partikolari, magħdud terminu jew żmien ieħor, id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) m'għandhomx japplikaw u l-imsemmija proċedura, magħdud kull terminu jew żmien ieħor, għandha tapplika u tiġi mħarsa minflokhom.*"

Mhuwiex ikkontestat bejn il-partijiet illi l-attur naqas milli jippreżenta ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju kontra l-konvenuti qabel ma ġiet intavolata l-kawża odjerna.

Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Charlie Pace et vs Kunsill Lokali Mosta et tat-13 ta' Ġunju 2013:

*"Illi sa minn mindu l-imsemmi artikolu ddaħħal fil-liġi proċedurali fl-1981, dejjem inżamm li, fejn jidħlu proċeduri kontra l-Gvern jew xi awtorita' pubblika, huma biss l-azzjonijiet li jissemmew b'mod tassattiv fis-subartikolu 460(2) ta' dak l-artikolu li ma jaqgħux taħt il-morsa tas-subartikolu 460(1). Kull azzjoni oħra li taqa' 'l barra minn dawk il-każijiet speċifiċi trid tabilfors tgħaddi mill-għarbiel preventiv tal-interpellazzjoni ġudizzjarja u l-mogħdija ta' żmien ta' għaxart ijiem minn mindu l-Gvern, awtorita' jew persuna pubblika tkun laqgħet għandha dak l-att ġudizzjarju interpellatorju. Ittri interpellatorji jew minn idejn avukat li ma jkunux atti ġudizzjarji ma jgħoddux għal daqshekk;*

*Illi l-Qorti tagħraf li l-ħtieġa tal-ħruġ ta' talba ġudizzjarja qabel tista' tinfetaħ kawża jew jittieħed proċediment ieħor hija regola proċedurali li tagħti privileġġ lill-Gvern. Bħala tali, tirrappreżenta limitazzjoni fuq il-jedd tal-persuna li tfittex il-jeddijiet tagħha kontra l-amministrazzjoni pubblika. Minħabba f'hekk, it-tħaddim tar-regola iebsa maħluqa bl-artikolu 460 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili trid tingħata tifsira restrittiva biex ma toħnoqx bla bżonn l-azzjoni ġudizzjarja kontra l-awtorita' pubblika fejn din tista' tibqa' miexja 'l quddiem. Jibqa' dejjem li dan il-privileġġ proċedurali huwa wieħed ta' ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistgħu jirrinunzjaw għalih jew ma jinsistux iżjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista' titqajjem mill-Qorti ex ufficio.*

*Illi l-imsemmi artikolu huwa privileġġ proċedurali mogħti favur il-Gvern, korpi u persuni msemmija f'kawżi li fihom ikunu mħarrkin, liema privileġġ ġie mfisser li japplika għal*

*kull għamla ta' att ġudizzjarju li bih jinbdew proċedimenti kontra l-Gvern, dawk il-korpi jew dawk il-persuni.*

*Illi għalhekk l-għan wara l-imsemmi artikolu 460 – dak li jagħti lill-Gvern u lill-awtoritajiet pubbliċi l-opportunita' li jiddefendu kif jixraq lilhom infushom f'każ li jittieħdu proċeduri kontra tagħhom – m'għandux jissarraf fiċ-ċaħda bla rażan tal-jedd taċ-ċittadin li jfittiex id-drittijiet tiegħu fil-qrati;*

*Illi, min-naħa l-oħra, dan jitlob ukoll li min ikun irid iressaq azzjoni kontra l-amministrazzjoni pubblika jrid jara li jħares b'reqqa dak li jitlob l-imsemmi artikolu. Minbarra dan, l-interpellazzjoni ġudizzjarja trid tkun kontra dik il-persuna jew awtorita' li kontriha tinbeda l-kawża (jew proċedura oħra li tkun) wara li jgħaddu l-għaxart ijiem żmien hemm imsemmija. Il-liġi titlob ukoll li l-pretensjoni tal-mittent jew tal-protestant fl-ittra uffiċjali jew fil-protest "tiġi mfissra b'mod ċar"."*

Hekk ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-26 ta' Gunju 2003, fl-ismijiet Emanuel Bugeja us Mary Rose Bugeja et ingħad illi:

*"Illi l-imsemmi artikolu huwa privilegg procedurali moghti lill-Gvern f'kawzi li fihom ikun imharrek u gie mfisser bhala regola ta' ordni pubbliku, u japplika ghal kull ghamla ta' att gudizzjarju li bih jinbdew procedimenti kontra l-Gvern... Illi l-imsemmi privilegg, jekk ma jitharisx, iwassal ghan-nullità ta' l-azzjoni li tkun ittiehdet bi ksur tieghu."*

Il-liġi hija ċara meta tistipula li mhux anqas minn għaxart'ijiem qabel ma tinbeda l-kawża, il-konvenut, meta dan ikun il-Gvern jew awtorità pubblika, u f'dan il-każ jirriżulta li l-konvenuti kollha jaqgħu taħt din il-kappa, irid ikun notifikat b'ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar.

L-eċċezzjonijiet għal din ir-regola jinsabu fil-liġi stess u l-Qorti ma tistax żżid magħhom.  F'dan il-każ u ma jirriżultax li din l-

azzjoni hija waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 460 ċitat.

Fit-trattazzjoni orali tiegħu l-abbli difensur tal-attur jgħid illi din il-kawża ma saritx a bażi tad-dritt Malti in kwantu li l-ksur jirriżulta mill-liġijiet tal-Unjoni Ewropea u li għaldaqstant, ma kien jeħtieġ illi ssir l-ebda ittra uffiċjali jew protest ai termini tal-artikolu 460 tal-Kap. 12. Bid-dovut rispett, il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. Minkejja li huwa minnu li l-attur qiegħed jibbaża l-pretensjonjiet tiegħu fuq applikazzjoni ħażina tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, l-azzjoni attriċi tibqa' azzjoni għad-danni intavolata quddiem din il-Qorti kontra l-Gvern. Il-fatt illi t-talba għad-danni hija naxxenti mill-allegat applikazzjoni żbaljata tal-liġijiet Ewropej mill-Qorti tal-Appell Kriminali ma jfissirx illi l-liġi tal-proċedura ta' Malta ma tapplikax għall-attur.

Lanqas ma jirriżulta li din l-azzjoni hija bbażata fuq ksur ta' drittijiet fundamentali kif donnu jipprova jagħti wieħed x'jifhem l-abbli difensur tal-attur.

Għaldaqstant, f'dan il-każ jirriżulta li l-attur ma mexiex kif trid il-liġi u għaldaqstant, din il-kawża ma saritx sew.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti u tiddikjara nulla l-azzjoni attriċi li ma tiswiex għaliex saret bi ksur tal-artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili.

Spejjeż tal-kawża jitħallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG